# KELMTEJN LIŻ-ŻGĦAR (2)

L-aħħar darba, tfal, dħalt il-Belt u ltqajt mal-Kummissarju tal-Qabar ta' Kristu u talabni narġa' niktbilkom xi ħaġa f'din ir-Rivista. Jien għall-ewwel għedtlu le, għax jien ikolli x'nagħmel ħafna, imma fl-aħħar għedtlu iwa. Għax wara kollox, kif ma ngħidlux iwa, meta talabni nikteb xi ħaġa għat-tfal iż-żgħar, il-għeżież, il-maħbubin (kont sa ngħid il-*fissudin*) ta' Ġesù? Ġesù bata u ħadem dak kollu għalina, u aħna ma naħlux naqra żmien għalieh? Hawn aħna, mela, tfal; ħalli ngħidilkom xi ħaġa fuq-fuq.

* * *

Mela, tfal, għandkom tibdew minn issa, jiġifieri minn żogħritkom, titħarrġu biex tkunu insara tajba. Jew aħjar, m'hux biex tkunu Insara tajba, imma biex tkunu INSARA. Għax jien naħseb li Insara ħżiena ma jinsabux. Dawk li jgħidulhom Insara u ma jgħixux ta' Insara, dawk m'humiex Insara. Dawk serraqin, għax qegħdin jisirqu l-isem ta' Insara mingħajr ma huma Insara tas-sew.

Issa: x'għandu wieħed jagħmel biex ikun Nisrani? Biex ikun Nisrani, bniedem, għandu jagħmel dak li qal sidna Ġesù meta kien fid-dinja, li minn ċkunitna jgħallmuhulna l-qassisin u r-rhieb. Jiġifieri, dak li hemm miktub li għallem Ġesù, fil-Ktieb tal-Bxâra tiegħu jew Evanġelju( bil-ħaqq, tfal: għandkom ktieb tal-Evanġelju d-dar? Jekk ma għandkomx, għidu lid-Daddy tagħkom jixtrilkom wieħed. L-aħjar bil-Malti, imma jekk ma jsibx bil-Malti, jixtrihulkom bl-Ingliż. U aqraw fih ftit kull jum.)

Hemm ħafna kliem fl-Evanġelju, tfal, li n-nies ftit iqisuh, imma li hu hemmi ħafna, għax jurina ċar għall-aħħar dak li jridna nagħmlu Ġesù. Ħalli ngħidilkom ftit minnu hawna.

Darba Ġesù lill-Appostli qalilhom hekk: "Nhar il-ħaqq (jiġifieri nhar il-*Ġudizzju*) ngħid lill-Anġli jagħżlu lit-tajbin mill-ħżiena, u jqiegħdu lit-tajbin fuq il-lemin u lill-ħżiena fuq ix-xellug. U ngħid lit-tajbin: "Ejjew, imberkin, idħlu fil-Melkut (jiġifieri fil-*Ġenna*) li hu mħejji għalikom. *Għax kont bil-ġugħ u tmajtuni; kont bil-għatx u sqejtuni; kont għorwien u libbistuni; kont għarib u lqajtuni; kont marid, u dortu bija; u kont il-ħabs u ġejtu tarawni;"* Imbagħad it-tajbin iwieġbu u jgħiduli: 'X'int tgħid, Bambin, jaħasra? Meta qatt rajniek f'xi ħtieġa u għenniek?' U jiena nistqarr u ngħidilhom: *"Kull meta għamiltu dan mal-anqas wieħed fost ħuti, għamiltuh miegħi!' ."*

Tfal, jista' jkun hemm kliem aktar ċar minn dan? Le, ma jistax ikun. Mela Ġesù jridna, biex inkunu Insara, *ngħinu lil kull min ikun maħqur,* dejjem, f'kollox, u kull imkien. Bħal ma Huwa wkoll għen lilna, li saħansitra ħalla lil min joqtlu, u joqtlu l-aktar qtil aħrax li kien hemm dak iż-żmien, il-qtil fuq is-salib, biex jeħlisna middeni.

Imbagħad hemm oħra, qawwija u ċara bħal din, li n-nies ukoll, ftit iqisuha. Isimgħuha, tfal; qal Ġesù darba: "M'hux min *jgħidli* Mulejja, Mulejja, jidħol f'Melkut Alla; imma min *jagħmel* dak li jrid Alla, dan jidħol f'Melkut Alla. Nhar il-Ħaqq bosta nies jgħiduli: 'Mulejja, Mulejja, aħna kilna u xrobna miegħek, u b'ismek għamilna ħafna għoġbijiet, u int kont tgħallem fit-triq tagħna!' Imma nistqarr u ngħidilhom: 'Jien qatt ma kont nafkom. Itbiegħdu minni, ja lilkom li tagħmlu l-ħsara!' ."

X'jiġifieri dan, tfal? Jiġifieri li m'hux billi tixxala fl-isem tal-Bambin; mhux billi n-nies ifaħħruk. Mhux billi tisma' d-daqq u l-kant u tara ż-żijna

u l-murtali fil-festi. U min tixxala miegħu, b'daqshekk turih li tgħożżu? Turih li tgħożżu jekk tbati miegħu u taħmel il-għaks għalieh!

*  *  *

Dawn għandhom ikunu ħsebijietkom, tfal, issa li għadkom żgħar. Idraw kunu rġiel ma' Ġesù biex meta tikbru ma tibżgħux mit-tbatija. Jekk tidraw tkunu Insara minn issa, il-hemm li fiha l-ħajja ta' kull Nisrani, 'il quddiem tarawh ħafif. Il-ħajja qasira, u kull ma fiha jgħaddi malajr. Ix-xalar jgħaddi malajr imma jħalli f'qalb il-bniedem sogħba u niket. It-tiġrib jgħaddi malajr ukoll, imma jħalli fil-qalb is-sliem u l-hena. Inkunu żgħar u ngħidu: "Meta sa nikbru?" u meta nikbru ngħidu: "Dal-waqt nixjieħu!" U meta nixjieħu, ngħidu: "Kemm xjaħna malajr, qisu l-bieraħ konna tfal!" U fl-aħħar tasal il-mewt, u wara l-mewt irridu mmorru quddiem il-Bambin biex jagħmel ħaqq minna ta' dak li nkunu għamilna fid-dinja.

U jien ukoll, għal hekk qiegħed nieħu s-sabar u niktbilkom. Biex meta mmut u mmur quddiem il-Bambin, u jgħidli: "X'ġibtli miegħek mid-dinja?" Ngħidlu: "Dawn il-karti, Bambin." Jgħidli: "X'fihom miktub?" Ngħidlu: "Żewġ kelmiet liż-Żgħar!"

---

# ~~MINN HAWN U MINN HEMM~~

## ~~AĦBARIJIET TA' BARRA~~

~~*L-Iskejjel Insara fil-Ġordanja.*—Fil-Ġordanja hemm 17-il skola Nisranija li fihom jitgħallmu 6,980 subjien u 7,490 bniet. 21 minn dawna huma skejjel għat-tfal żgħar, 72 skejjel elementari u 24 skejjel sekondarji. Dawna huma barra mill-iskejjel tat-tfal iltiema li ma humiex imsemmija. Issa l-Ħakma Ġordanija trid li fl-iskejjel tal-Insara wkoll ma jsirx tagħlim nhar ta' Ġimgħa, li hu jum il-btâla tal-Misilmin. Trid ukoll li l-kotba tal-iskola jgħaddu minn idejn il-Ministru tat-Tagħlim, li huwa Mislem. U li l-iskejjel ma jistax ikollhom flus ħlief kemm-kemm ilaħħqu man-nefqa. Il-Patrijarka ta' Ġerusalem talab lil Insara biex jitolbu l-Bambin biex il-ħall ta' dil-kwistjoni tal-iskejjel toħroġ tajjeb, għax hija ta' hemma kbira.~~

~~*Mewt tal-Patrijarka Grieg Ortodoss.* — Miet f'Ġerusalem il-Patrijarka Grieg Mons. Timotew Timelis, li kellu taħt idejh il-knejjes Griegi kollha tal-Palestina. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja Griega ta' fuq Ġebel iż-Żejtun. Kellu 87 sena. Il-Patrijarka twieled fil-gżira ta' Samos, qrib Smirna, fis-sena 1878 u hemm ukoll tgħallem l-ewwel tagħlim tal-iskola. Ta' għoxrin sena ġie Ġerusalem fejn tgħallem it-Teoloġija u sar qassis. Minn hemm siefer għal Oxford biex jitħarreġ sewwa fit-tagħlim. Kif raġa' l-Palestina beda għaddej 'il quddiem sa kemm laħaq Patrijarka. Kien kittieb tajjeb u mexxej tar-rivista Griega: "Nea Sion".~~

~~*Id-"Divina Commedia" bil-Lhudi.* — Il-għana ta' Dante, *L'Inferno, Il Paradiso,* etc., issa jinsab maqlub ukoll bil-lsien Lhudi. Qalbu l-Professur Dr. Manwel Glasvanger u ħareġ tajjeb tassew. Jingħad min-nies li jifhmu li dal-ktieb huwa wieħed mill-aħjar biċċiet tal-Letteratura Lhudija fi żmienna.~~